MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 625/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huma zzewweg lill-intimata fit-23 ta' Marzu 2003 (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoniu personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Anthony Grech Trapani fis-6 ta' April 2009 (kopja annessa Dok B);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin;

Illi sal-lum ghaddew aktar minn erba’ (4) snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex f’dawn ic-cirkostanzi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara li z-zwieg teighu mal-intimata Christine Abela bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

1. Illi l-intimata ma topponix t-talba sabiex dina il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti;
2. Illi r-rikorrenti dejjem onora l-obbligi tieghu skond il-kuntratt datat 6 ta’ April 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Grech Trapani;
3. Illi skond l-artikolu 9(j) tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, l-intimata diga ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubita ‘Abela’;

Ghaldaqstant l-intimata titlob li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Jannar, 2014 ;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata bil-gurament ;

Rat illi b’din ir-risposta l-intimata kkonfermat illi hija diga` ghazlet illi tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe` ‘Abela’ ;

Rat l-affidavit bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 t’April 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat li minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija,il-Qorti, filwaqt li tilqa’ t-talba tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubitha Abela tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------